MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 156/2008

Kawza fil-lista: 19

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fit-8 ta' Settembru 1996; li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal; li l-kunsens matrimonjali kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [a][d] u [f] tal-artikolu 19[1] tal-Kap.16; li l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fid-29 ta' Jannar 2008; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi dan iz-zwieg; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut qed jopponi ghal din it-talba, u ghall-ispejjez tal-kawza;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fit-8 ta' Settembru 1996 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet, jew ta' wahda minnhom, huwa vizzjat fit-termini ta' l-artikoli tal-ligi fuq citati.

**Il-Fatti**

Illi Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-8 ta' Settembru 1996 meta allura l-attrici, cittadina Maltija, kellha 28 sena, u l-konvenut, cittadin Taljan, kellu 32 sena, u meta kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin ghal circa 4 snin, b' intervalli, peress li f' dak iz-zmien il-konvenut kien ghamel zmien jirrisjedi l-Italja.

Wara konvivenza ta' circa 7 snin, il-partijiet sseparaw de facto, u eventwalment iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

*Verzjoni Attrici*

L-attrici tghid li tlett xhur fl-gherusija hija kienet tikkonvivi mal-konvenut. F' dak iz-zmien kienet indunat li kien hemm "mumenti meta l-konvenut kien jagixxi daqxejn stramb".[1] Kien juri li kien ikollu n-nervi, u kien jizvoga f' aggressjoni fuq l-oggetti ta' madwaru; u dan, tghid l-

[1] Fol.37

attrici, anke fuq affarijiet ta’ ftit importanza. Kienet ukoll konxja tal-fatt li, l-konvenut kien jiehu kuljum medikazzjoni f’ forma ta’ drops, li hu kien igib mill-Italja, u li f’ dak iz-zmien kien qallha li kienu ghall-istonku, mentri sussegwentement, wara z-zwieg, saret taf li kienu ghad-dipressjoni. Tghid li f’ dawn it-tlett xhur huma kienu “dejjem niggieldu” peress li l-konvenut kellu karattru dominanti u jkun irid li tghaddi tieghu, inkellha jagixxi kif fuq indikat. Tant, li hi kienet hadet id-decizjoni li ma tizzewwghux, izda kienet tibza’ minn missierha li kien jhedded li jkecciha l-barra mid-dar. Kien f’ dan il-kuntest li hi accettat li tizzewweg lill-konvenut.

Fl-affidavit taghha li, qabel ma staqsiha biex tizzewwgu, meta kienet bdiet tohrog mieghu “ma kienx joghgobni, izda kont nohrog mieghu ghaliex bhala kumpanija ma stajtx ingerger minnu.”[2]

L-attrici tghid li ma kienitx ferhana fiz-zwieg; u dan, mill-bidunett. L-inkwiet aggrava meta, erba’ gimghat wara z-zwieg, il-konvenut kien beda jissikkaha sabiex l-attrici taqleb fuq ismu n-nofs indiviz tad-dar konjugali allura proprjeta’ parafernali taghha. Hi ma rieditx; u dan kien sors ta’ glied u inkwiet kontinwu bejn il-koppja, tant li wara dawn l-erba’ gimghat hi kienet iddecidiet li ma jkollhiex tfal f’ dan iz-zwieg, u ghalhekk, bdiet tiehu l-pillola kontracettiva ad insaputa ta’ zewgha, ghalkemm dan kien accetta r-rieda taghha li ma jkollhomx tfal.

Hi tilmenta mill-fatt allegat minnha li, wara z-zwieg, huwa kien jghajjarha u jinsulentaha kull darba wara li jkunu ghamlu l-att taz-zwieg. Dan kien jikkaguna mrar u dwejjaq kbir fl-attrici li allura kienet bdiet turi riluttanza li jkollha relazzjonijiet intimi ma’ zewgha biex ma tigix mghajjra minnu. Ghal din ir-raguni, wara hames [5] xhur fil-konvivenza, hija waqfet dawn ir-relazzjonijiet intimi. Dan kompli jaggrava l-inkwiet matrimonjali.

Fis-sena 2003 il-konvenut, fuq rikjesta taghha, telaq mid-dar konjugali. Hi tghid li l-konvenut kien izzewwigha

[2] Vol.1- fol.16

unikament peress li ried jakkwista il-permess li jahdem Malta, fejn kien jahdem fil-fabbrika ma' missierha, u r-residenza f' Malta.

Hija tichad li kienet tiehu l-pillola tal-fertilita' u li kienet marret ghand tabib sabiex tinqabad tqila. Tichad ukoll li matul il-konvivenza hija kellha relazzjonijiet extra matrimonjali, u tispjega li kien biss wara s-separazzjoni de facto li, fis-sena 2004, hija dahlet f' relazzjoni ma' ragel iehor.

*Verzjoni Konvenut*
Jghid li qabel iz-zwieg huwa kien jahdem ma' missier l-attrici, u kien joqghod ghandhom. Huma kienu ferhanin bih, u hu kien kuntent. Jghid li anke l-attrici kienet kuntenta li kienu ser jizzewwgu. In sostenn, huwa pprezenta kopja ta' diversi ittri[3] romantici li kienet tibghatlu l-attrici. Dawn huma datati 1992 -1993

Wara z-zwieg huma pprovaw biex ikollhom it-tfal, izda l-attrici ma nqabditx tqila. Habta u sabta, wara sitt xhur li jipprovaw ghat-tfal, qaltlu li ma rieditx tfal, u rrifjutat li tatih raguni. Jghid li hu kien izzewweg lill-konvenuta biex ikollu tfal fiz-zwieg. Jghid li anke waqt iz-zwieg ir-rapporti ntimi bejniethom kienu normali, u ma jidhirx li kien hemm problemi, izda lejn tmiem il-konvivenza martu keccietu mis-sodda matrimonjali u r-rapporti sewwali bejniethom waqqfu, ghax hi ma rieditx taf. Il-konvenut jghidli f' dan iz-zmien l-attrici nbidlet kompletament, u l-konvivenza bejniethom spiccat meta l-attrici keccietu 'l barra mid-dar.

Il-konvenut jispjega li hu ddispjacih kif gie trattat minn martu, meta jghid li hu hadem hafna matul il-konvivenza biex huma jkunu jistghu jghixu ahjar. Jghid li xi zmien wara z-zwieg, fis-sena 1998, il-konvenuta kienet waqfet tahdem minhabba problemi medici, u ghalhekk u kien jaghmel *part time job* biex ikunu jistghu jkomplu jixtru l-affarijiet tad-dar, u eventwalment fis-sena 2002 xtraw terran adjacenti mad-dar taghhom sabiex jestendu d-dar

[3] Vol.1 – fols.81 et seq.

matrimonjali. Dan kien sena qabel ma l-attrici ddecidiet li tittermina l-konvivenza.

Huwa jichad li zzewweg lill-attrici unikament biex jakkwista l-permess tax-xoghol, u tar-residenza, f' Malta. Jghid li minn qabel, u tul il-konvivenza huwa kien jahdem ma' missier l-attrici mis-7.00am sal-4.00pm, u sussegwentement, meta l-attrici kienet waqfet tahdem, kien beda jahdem *part time* ukoll, mill-5.00pm sal-11.00pm go pizzerija.

Huwa kien jahdem hafna sabiex ikun jistghu jghixu tajjeb u jixtru l-affarijiet li kien hemm bzonn, izda l-attrici dan ma kienitx tapprezzah, u kienet tonfoq bl-addocc minghajr ma tfaddal xejn, u meta jispiccawlha l-flus, kienet taghmel in-nervi.

Il-konvenut jichad li huwa kien jiehu medikazzjoni ghal depressjoni, u jghid li kien jiehu medikazzjoni ghall-anzjeta', u sussegwentement, minhabba li rrizulta li kien ibati mit-thyroid.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

*Vis et Metus*

Il-Qorti tosserva li mill-provi ma jirrizultawx l-elementi essenzjali sabiex jikkonfigura dan il-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [a] ta' l-artikolu precitat; ma rrizultax li d-decizjoni ta' l-attrici kienet kontra l-volonta taghha, kagun ta' forza rreziztibbli li nehhietilha l-ghazla libera taghha.

Hija manifesta f' dan ir-rigward il-mankanza ta' provi sufficjenti da parti ta' l-attrici in sostenn ta' din l-allegazzjoni taghha li, minbarra li tinsab kategorikament opposta mill-verzjoni tal-konvenut, hija ndebolita serjament mill-kontenut ta' l-ittri romantici li hi kienet tibghatlu u li juru li l-attrici kienet ferhana bir-relazzjoni taghha mal-konvenut.

Huwa minnu li l-attrici resqet bhala xhud lil Rita Micallef, persuna li tghix vicin id-dar taghha, izda, apparti mill-fatt li

hafna minn dak li xehedet din ix-xhud huwa dak li rrakontatilha l-attrici, il-Qorti ghandha rizervi dwar l-imparzjalita' ta' din ix-xhud. Barra minnhekk, u b'izjed emfazi ma gie prodott hadd min-naha tal-familjari ta' l-attrici in sostenn ta' din l-allegazzjoni taghha.

Ghalhekk il-Qorti hija tal-fehema li l-attrici ma zzewwgitx lill-konvenut "minhabba biza kbira li kellha minn missierha"[4], izda zzewwget lill-konvenut ghax hekk riedet; u ghaldaqstant il-kunsens matrimonjali taghha fil-mument tal-ghoti tieghu, li huwa l-mument deciziv, ma kienx vizzjat fit-termini tal-paragrafu [a] fuq indikat.

*Discretio judicii*
Illi mill-provi ma jirrizultax li l-partijiet, jew wahda minnhom, kienu affetti minn difett serju ta' disrkrezzjoni ta' gudizzju dwar id-dmirijiet u d-drittijiet tal-hajja mizzewwga; jew li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali kellhom nuqqas ta' dixxerniment dwar l-import tal-hajja konjugali.

Il-provi juru li l-partijiet riedu jizzewwgu lil xulxin biex jikkonvivu, jipprokreaw u jrabbu l-ulied. Dan kienu jafuh, u dan huma riduh.

Inoltre ma rrizultax provat li xi parti kienet affetta minn anomalija psikologika serja li tirrendi impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Di fatti l-partijiet ikkonvivew flimkien ghal certu zmien; kienu pprovaw ghat-tfal, ghalkemm inutilament; u kien ikollhom relazzjonijiet intimi minghajr problemi serji.

Ghalhekk anke din il-kawzali hija nfondata.

*Simulazzjoni*
Illi, b' applikazzjoni tal-konsiderazzjonijiet premessi u ghall-istess ragunijiet fuq indikati, il-Qorti tikkonkludi li dan il-*caput nullitatis*, kontemplat fuq il-paragrafu [f] ma jirrizultax; anzi jirrizulta manifestament provat li z-zewg partijiet riedu li jizzewwgu lil xulxin, kif fil-fatt ghamlu; riedu li jghixu flimkien fil-hajja konjugali, kif fil-fatt ghamlu; u

[4] Fol.1

riedu li, fil-mument tal-kontrattazzjoni taz-zwieg li jkollhom tfal minn dan iz-zwieg.

Il-problemi li rriskontraw maghhom il-partijiet matul il-konvivenza, setghu kienu kagun ta' separazzjoni personali, izda mhux ta' annullament stante li ma jissodisfawx ir-rekwiziti mposti fl-artikolu 19[1] fil-paragrafi fuq citati.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u ser tigi respinta.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad it-talba attrici, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------